MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' April, 2003

Talba Numru. 2319/2002

***L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***

***vs***

***Paul Gladwish***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' mija u sittax-il lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm116.48) rappresentanti spejjez sborsati mill-Awtorita' attrici u dana kif jidher mill-Invoice no. 1885 datata 13 ta' Marzu 2001 esibita u mmarkata bhala Dokument IJS2. Illi dawn l-ispejjez gew sborsati wara li nhareg Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF/1196/95/EAM/NENA esebit u mmarkat bhala Dokument IJS1. Illi l-Awtorita' attrici, in forza tal-poteri fdati lilha permezz ta' l-Att numru 1 ta' l-1992, kif sussegwentement emendat permezz ta' l-Att numru XXI ta' l-2001 hadet dawk il-passi kollha necessarji

biex ix-xogholijiet indikati fl-istess Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq, jitwettqu stante li l-istess konvenut ma kienx ottempera ruhu ma' dak miltub minnu fl-istess avviz.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2002 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Agius in rappresentanza ta' l-Awtorita' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti specjalment id-Dokument PA1, a fol.14 tal-process.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' mija u sittax-il lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm116.48), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------